# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 744

KAZ NRU. 916

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Attard

u

Sea Malta Company Limited

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 1 ta' Ottubru, 1996

Chairman : Is-Sur Maurice J.V. Bonello M.B.E.

It-Tribunal jirriferi ghan-Nota ta' Osservazzjonijiet ta' Sea Malta Company Limited ipprezentata fis-seduta tas-26 ta' Awissu 1996, fejn gie sottomess li dan it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni in materja.

Dina in-Nota minkejja li teknikament m'hijiex Nota ta' Eccezzjonijiet qed tiftiehem mit-Tribunal bhala tali u stante li si tratta sottomessjoni dwar nuqqas ta' gurisdizzjoni qed tigi ttratata mit-Tribunal immedjatament.

F'din in-nota is-Sea Malta jirriferu ghal Kapitolu 266 dwar Relazzjonijiet Industrijali, ghal Kapitolu 234, "Merchant Shipping Act" u ghal Kapitolu 135 "Conditions of Employment Regulations Act".

Huwa tajjeb illi wiehed jibda mill-bazi tal-legizlazzjoni msemmija.

Il-Kapitolu 266 Relazzjonijiet Industrijali jipprovdi bhala li jirradika l-gurisdizzjoni u kompetenza tat-Tribunal Artiklu 28 li jghid is-segwenti :

"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull ligi ohra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-gurisdizzjoni esklusiva li jikkunsidra u jiddeciedi l-kazijiet kollha fejn jigi allegat li saret tkeccija ngusta ghal kull ghan barra minn proceduri dwar reati kontra xi ligi, u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu li ma jitkecciex b'mod ingust ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'ohra:

Izda ebda haga f'dan is-subartikolu ma ghandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar ufficjali pubblici jew ma ghandha tolqot it-thaddim ta' l-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port jew ta' l-Att li Jirregola l-Impjiegi fit-Trasport Pubbliku; f'dan l-artikolu l-espressjoni "haddiem" ma tinkludix ufficjali pubblici jew xi persuna li ghaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att."

L-Artikolu 35 tal-Kapitolu 135 "Conditions of Employment Regulation Act" jghid is-segwenti:

"Id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34 ma ghandhomx japplikaw ghall-bahrin impjegati fuq bastimenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u fil-kaz li xi disposizzjonijet ta' l-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet

ta' dan l-Att, ghandhom japplikaw dawk ta' l-imsemmi Att".

L-Artikolu 34 tal-istess Att jirriferi dwar notifiki necessarji u certi konsegwenzi in konnessjoni ma' terminazzjoni ta' impjieg. Ghalhekk jidher car illi l-ambitu tal-artikolu 34 huwa limitat.

Bl-eskluzzjoni fl-Art 35 il-legislatur qed jillimita l-applikazzjoni tal-Artikolu 34 tac-CERA ghal-kazijiet li jaqaw tal-Merchant Shipping Act bhal dak tal-bahrin u cioe' kif fil-presenti kaz. Din l-eskluzjoni hija limitata - m'hijiex totali u vasta. L-Artikoli l-ohra tac-CERA, japplikaw u ghandhom jigu applikati.

Inoltre fl-Art 28 Kap 266 insibu illi l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija eskluza totalment ghar-rigward tal-haddiema tal-Port, jew dawk fit-Trasport Pubbliku. Haga li mhijiex similment legislata ghar-rigward tal-haddiem regolati mill-Merchant Shipping Act.

Ghaldaqsant it-Tribunal jiddeciedi illi ghandu gurisdizzjoni fuq dan il-kaz.

Maurice J.V. Bonello
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU

mrg